MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Appell Kriminali Numru. 72/2003

l-Pulizija
(Spettur Simon Galea)
Vs

Emanuel Camilleri
Joseph Camillleri

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn l-10 ta' Frar, 2003 u d-9 ta' Marzu, 2003 gewwa garaxx fil-fond numru 7, Triq Sir Hannibal Scicluna, Naxxar :

1) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija fethu jew zammew hanut tax-xoghol jew hadmu arti jew sengha li jistghu jdejjqu lil girien jew jista jkun kagun ta' hruq jew spluzjoni qawwija jew inkonvenjent li jaghmel hsara lis-sahha jew zammew hwejjeg li jikkagunaw fwar, ghabra jew irwejjah, li jistghu jaghmlu deni jew li jaghti fastidju;

2) aktar talli m'obdewx l-ordnijiet legittima moghtija mill-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Mejju, 2003, li biha wara li rat l-Artikolu 130 (1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta'Malta, sabet lill-imputati hatja w ikkundannathom LM5 amenda kull wiehed.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ipprezentat fit-12 ta' Mejju, 2003, li bih talbu lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka, tannulla jew tbiddel is-sentenza appellata fis-sens li r-rikorrenti m'ghandhomx jinstabu hatja ta' l-akkuzi migjuba kontrihom.

Rat l-aggravji tal-appellanti Emmanuel Camilleri u Joseph Camilleri ;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-lum li bih il-Prosekuzzjoni eccepiet in-nullita' tar-rikors tal-appell in vista tal-fatt li t-talba finali kellha tkun ghar-riforma tas-sentenza appellata w mhux ghat-thassir, revoka, jew annular taghha w dan ghaliex fis-sentenza appellata nstabet htija fl-ewwel akkuza w ma nstabetx htija fit-tieni akkuza.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-punt preliminari sollevat mill-Avukat Generali ;

Ikkunsidrat ;

Illi hu fatt li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti iddisponiet mid-diversi akkuzi b' mod differenti w dana billi fil-waqt li lliberat lill-appellanti mit-tieni akkuza , sabithom hatja tal-ewwel akkuza. Illi hu minnu ukoll li l-appellanti ma talbux ir-riforma tas-sentenza appellata , izda talbu biss li din il-Qorti "thassar , tirrevoka u tannulla jew tbiddel s-sentenza ...."fis-sens li r-rikorrenti m'ghandhomx jinstabu hatja ta' l-akkuzi migjuba kontrihom" (Sic!) u mhux dik li taghha gew misjuba hatja !

Illi hu ovvju li t-talba f'dan il-kaz biex tkun korrettement formulata kellha tkun biex din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata , billi tikkonfermha fejn sabet lill-appellanti mhux hatja tat-tieni akkuza w lliberathom minnha w tirrevokha fejn sabet lill-appellanti hatja tal-ewwel akkuza billi minnflok issibhom mhux hatja ta' din l-akkuza w tilliberhom minn kull imputazzjoni w piena. Di fatti din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk :-

"Gja la darba l-Ewwel Qorti ma sabetx htija fl-appellanti f' xi whud mill-akkuzi dedotti kontriha , u , fil-fatt, kienet illiberatha minnhom , allura skond il-ligi , t-talba fir-rikors t'appell taghha kellha tkun ghar-**riforma** tas-sentenza appellata u mhux ghat-thassir revokar u kancellament ta' l-stess sentenza . L-appellanti setghet tappella biss minn dik il-parti tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li sabitha hatja w titlob li dik il-parti tigi revokatha , **fil-waqt li titlob li l-parti liberatorja tigi konfermatha. Tali zball fil-forma mhux rimedjabbli w jwassal ghan-nullita' tar-rikors tal-appell."** (emfasi ta' din il-Qorti ) (App. Krim. Pol. vs. Tania Lorraine Abela - 3.10.2001)

Illi l-Avukat Generali qed jissottometti li dan id-difett igib in-nullita' tar-rikors tal-appell skond il-gurisprudenza kopjuza. Invece l-abbli difensur tal-appellanti qed isostni li l-appell kif redatt hu car u minnu johrog car li ma kienetx qed tintalab ir-revoka tas-sentenza intiera w ghalhekk ma hemm ebda nullita' .

Ikkonsidrat ;

Illi din il-Qorti kif preseduta kellha okkazzjoni li tidhol " funditus " f'din il-kwistjoni f' diversi sentenzi recenti fosthom : "Il-Pulizija vs. M. Camilleri" (21.3.2002); "Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat" (appelli 97/02 u 99/02 tal-27 ta' Gunju, 2002) ; "Il-Pulizija vs. Saviour Cachia " (11.7.2002) u "Il-Pulizija vs. Nazzareno sive Reno Zarb et" (17.10.2002) , fejn dejjem gie ritenut li fejn suppost kellha tintalab ir-riforma tas-sentenza appellata w minnflok tintalab ir-revoka , dan igib in-nullita' tar-rikors tal-appell.

Illi umbaghad kif ukoll irriteniet din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Joseph Galea (30.6.95) :-
“jekk is-sentenza appellata tkun in parte sabet hati lill-appellant u in parti lliberatu minn xi akkuza jew imputazzjoni , gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir ir-rikors ikun null.”

Ara ukoll f’dan is-sens : “il-Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri u Paul Spiteri “(26.4.1985) ; “Pulizija vs. Anthony Zammit “ (1.10.1960) (Vol. XLIV , iv. p.940) ; “Il-Pulizija vs. Richard Vincenti Kind “ (16.9.1972) “Pulizija vs. Carmelo Agius” (14.10.1972) ; “Il-Pulizija vs. Pierre Tonna “ (27.4.2001) ; “Il-Pulizija vs. Mark Anthony Cachia“ (14.5.2001) ;“Pulizija vs. Michael Carabott “ (6.6.2001) ; “Il-Pulizija vs. John Carabott” (6.6.2001) u “Pulizija vs. Mario Camilleri” (3.12. 2001)

Umbaghad fl-Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. John Hili” (23.9.1972) din il-Qorti diversament presduta qalet li bhala regola generali d-dispozizzjoni in ezami , cioe’ li rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza giet “very strictly and rigidly interpreted” .

Illi kif gie ritenut mill-Onor . Imhallef De Gaetano (llum Prim’ Imhallef) fl-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs. Jesmond Farrugia” (13.2.2001) :-

“Kif gie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti , meta t-talba ghandha manifestament tkun talba ghar-riforma mentri tigi mitluba r-revoka , ir-rikors ta’ appell hu null fuq bazi ta’ karenza tar-rekwizit imsemmi fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 419 tal-Kap.9. (ara , fost diversi sentenzi f’dan i-sens : “Il-Pulizija vs. Joe Borg “ - App. Krim. 21/7/95; “il-Pulizija vs. Carmelo Pace “ , App. Krim. 13/5/1999; “Il-Pulizija vs. Lawrence Gatt” App. Krim. 6/1/2000) Tali nullita’ hi sollevabbli ex officio mill-Qorti.”

Illi ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti dan id-difett fir-rikors jikkomporta n-nullita’ tieghu ghaliex ma jirrispettax il-vot

tal-ligi fl-art. 419 (1) (c) , kif interpretat kostantement mill-gurisprudenza ta' din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni pregudizzjali tal-Avukat Generali tan-nullita' tar-rikors tal-appell u tiddikjara l-appell null w irritu w konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------